MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 316/2008

**Aplan Limited**

**vs**

**Andre' Previ**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u erbatax-il ewro u sitta u hamsin centezmu (€1,114.56), rapprezentanti danni subiti mill-istess socjeta' attrici minhabba traskuragni u negligenza tal-konvenut fit-twettiq ta' xoghol li kien inkarigat iwettaq f'isem l-istess socjeta' attrici, ghal liema danni huwa unikament responsabbli u dan prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita' fir-rigward.

Bl-imghax legali mid-data ta' meta gew subiti d-danni u bl-ispejjes legali, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 10 ta' Awissu, 2007.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet kollha tas-socjeta' attrici huma lkoll nfondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-konvenut.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut mhux responsabbli ghal kwalunkwe danni allegati mis-socjeta' attrici stante illi l-istess konvenut dejjem agixxa b'diligenza kif ukoll kif titlob is-sengha u l-arti.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova l-ammont dovut u ghaldaqstant l-ammont mitlub qed jigi ukoll ikkontestat.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes.

Ra x-xhieda ta' Godwin Calleja, li jokkupa l-kariga ta' *technician* mas-socjeta' attrici. Jispjega kif l-konvenut kien ghamel xi xoghol ta' installazzjonjiet ta' *airconditioners* ghas-socjeta' attrici.

Kien ircieva lmenti minghand Mr. Poole, li ghalih kienu qed isiru x-xogholijiet, li x-xoghol ma kienx sar skont is-sengha u l-arti u ghalhekk kien mar jaghmel spezzjoni u kkonferma li x-xoghol ma kienx sar sew. L-*units* ma kienux gew installati dritti, il-pajpijiet tal-ilma kienu mixhutin mal-art u ghalhekk setghu jiddrejnjaw kullimkien. Il-*wires* kienu perikoluzi ghax kienu mgantin minn kullimkien, is-*switches* tal-elettriku ma kienux jifilhu ghas-sahha tal-*airconditioner*. Kien hemm xi pajpijiet maqrusin u ma kienux jahdmu kollha f'salt.

Kien tkellem mal-*manager* taghhom u kienu baghtu ghall-konvenut li qatt ma attenda ghal laqghat.

Kien ghalhekk li kien ntbaghat certu Alan Magro, *technician* tas-socjeta' attrici u dan kien biddel xi pajpijiet u *units*. Kien akkumpanjat mis-sur Apap.

Ra x-xhieda ta' Lino Apap, *general manager* mas-socjeta' attrici. Ighid li peress li fl-istagun tas-Sajf, id-domanda ta'

*airconditioners* tkun aktar, is-socjeta' attrici kienet taghmel *sub-contracting* mal-konvenut sabiex jinstalla *airconditioners*.

Ighid li l-konvenut kien ghamel xi xoghol ta' installazzjoni u kienu rcevew zewg ilmenti, wahda kienet li kien intuza anqas *copper* minn dak li kien ordnat u t-tieni nett, l-ilment kien fuq il-mod kif kienu gew installati l-*airconditioners*.
Kien ghalhekk li kienu ssuggerew illi jibghatu t-*technician* taghhom fil-presenza tal-konvenut sabiex jivverifikaw dawn l-ilmenti u kienu gew iffissati zewg laqghat. F'dawn il-laqghat, kien hemm it-*technicians* tas-socjeta' attrici u kien hemm ukoll presenti l-klijent taghhom.

Jikkonferma li lit-*technicians* kien irrizultalhom li kien hemm diversi problemi, kien hemm *cable* mgongi bic-*china connector*, il-pajpijiet tal-*copper* ma kienux miksijin bil-*lagging*, il-*joints* tal-*copper pipe* ma kienux *braised*. Kien hemm xi *units* li kienu mwahhlin dislivellati, *units* ohrajn kienu qed iqattru u *units* ohra ma kienux qed ikesshu.

Ix-xhud jikkonferma li l-konvenut ma kienx qed jikkoopera u kien ikkonferma personalment, li x-xogholijiet ma kienux saru skont is-sengha u l-arti u kien ghalhekk ordna li jsiru x-xogholijiet da parti taghhom.

Kien hadmu t-*technicians* tas-socjeta' attrici u kienu lestew ix-xoghol sa' Jannar, meta suppost l-klijent kellu jhallas sa' Awissu tas-sena ta' qabel.

Jikkonferma li dak li qed jintalab mis-socjeta' attrici kienu l-ispejjes ta' materjal zejjed li kellhom ihallsu ghalih sabiex jirrangaw u jgibu l-installazzjonijiet ta' dawn l-*airconditioners* skont is-sengha.

Jikkonferma li l-ammont pretiz kien ta' elf, mija u erbatax-il ewro (€1,114) u kien ikkonferma li l-ammont ma kienx thallas.

Meta tkellem mal-konvenut, dan kien infurmah li ma kienx dispost li jhallas, peress li kellu dokument iffirmat minn

bint Mr. Poole li kienet kuntenta bix-xoghol, izda mill-verifiki li ghamel ix-xhud, ma kienx irrizultalu li x-xoghol kien soddisfacenti.

Ra x-xhieda tal-konvenut li kien ilu jahdem mas-socjeta' attrici *b'subcontracting* ghall-installazzjoni ta' *airconditioners*.

Kien hemm klijent li kien ordna l-installazzjoni ta' disa' (9) *airconditioners* fil-villa tieghu fil-Bidnija.

Kien ikun hemm prezenti ragel, li kien jew mizzewweg, jew gharus lill-bint is-sid tal-villa, u dan kien jaghtihom l-istruzzjonijiet minn fejn kellhom ighaddu l-pajpijiet sabiex jigu nstallati dawn l-*airconditioners*. Il-*copper piping* sar fuq barra u ma kienx mghotti.

Wara li ghamel ix-xogholijiet kien hareg *job sheet* u dan ir-ragel kien iffirmaha peress li kien soddisfatt bix-xogholijiet. Kien ghalhekk li baghat dan il-*job sheet* lis-socjeta' attrici li kienet hallsitu.

Generalment, ighid li kienet il-prassi li kien jigbor il-*job sheets* fl-ahhar tax-xahar, ighaddihom lis-socjeta' attrici u jigbor l-pagament.

F'dan il-kaz, ma setax jigbor il-bilanc minghand il-klijent, peress li kien nesa' jhalli cekk u s-socjeta' attrici kienet infurmatu li kienet ser tiehu hsieb hi.

Imbaghad is-socjeta' attrici kienet infurmatu li l-klijent ma riedx ihallas il-bilanc ghaliex il-pajpijiet ma kienux gew mghoddija mill-post minn fejn xtaq hu.

Il-konvenut jinsisti li ried jithallas sabiex jaghmel dawn it-tibdiliet, izda kellu jirrifjuta meta s-socjeta' attrici kienet insistiet li kellu jaghmel dawn ix-xogholijiet *gratis*.

Il-konvenut jaghmel referenza ghax-xhieda ta' Alan Magro u jichad li l-*connectors* kienu ta' kwalita' inferjuri. Jispjega ukoll li dwar il-*cables*, il-prassi kienet li *cables* ta' 2.5mm

jintuzaw ghal *airconditioners* bl-18,000 BTU. Uza il-1.5 mm ghal 12,000 BTU.

Il-konvenut jispjega ukoll li kellu bilfors juza' *china connectors* u dan minhabba li kien hemm it-tul u kien mod biex igannad. Peress li fil-kcina kien hemm it-tul bilfors kellu juza' c-*china connectors*.

L-uzu ta' *tapes* jew *clips*, ma kienx jidher bhala xoghol professjonali u kien ghalhekk li kien ghazel ic-*china connectors*.

Jispjega li anke s-socjeta' attrici kienet tuza' *china connector* u dan minhabba li l-*unit* tal-*airconditioner* johrog mill-fabbrika *b'china connector,* imbaghad igannad mal-istess *connector*. Il-*braze connections*, ighid li generalment isiru fl-installazzjonijiet industrijali u mhux domestici.

Ighid li kien halla l-pajpijiet tad-*drains* qosra peress li r-rapprezentant tas-sid tal-post, kien qallu biex ihallihom hekk ghaliex ma kienux jafu minn fejn kienu ser ighaddu d-drains u lanqas kienu ghadhom ksew jew bajdu.

Jikkonferma li rapprezentant tal-klijent kien iffirma l-*job sheet* minhabba li kien soddisfatt bix-xoghol. Jekk ikun hemm ilmenti ma jirrizultawx mill-*job sheet*.

Fuq il-*lagging* jikkonferma li kien hemm kompressur wiehed fejn kien jirrizulta li l-*lagging* ma kienx komplut u dan kien fejn hemm il-gonod.

Jinnega li ma kien hemm l-ebda *trunking* ghaddej. Jinnega ukoll illi x-xoghol ma kienx sar invell, ghaliex kieku kien iqattar l-ilma ghal gol-proprjeta' u wara li ghamel l-installazzjoni kien hallihom jaghtu ghal xi saghtejn u ma kienx qattar l-ilma.

Ighid ukoll li fejn kien hemm bzonn kellhom jaqtghu trinka, izda ma kienx obbligu tieghu li jkahhlu t-trinka.

Jichad ukoll li hallew xi plakek miftuhin. Xi hadd kien imbotta l-*pipes* mill-*wire*.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

Kien hemm ftehim mas-socjeta' attrici ta' *subcontracting*, fejn il-konvenut kellu jinstalla madwar disa' (9) *airconditioners* fil-proprjeta' ta' certu Poole.

Gie kkonfermat li s-sid tal-proprjeta' fejn gew installati dawn l-*airconditioners*, kien jinstab imsiefer u kien mar fuq il-post, waqt li kienu qed isiru dawn ix-xogholijiet, ir-ragel ta' bintu. Skont il-konvenut dan kien soddisfatt bix-xoghol, tant li kien iffirma il-*job sheet*.

Pero', l-uniku *job sheet* li esebixxa l-konvenut huwa ta' terza persuna biex jaghti ezempju ta' xiex jinkludi dan id-dokument u ghaldaqstant, dan it-Tribunal mhuwiex f'grad li jikkonvinci ruhu li Poole kienx soddisfatt jew le bix-xogholijiet.

Ghalhekk, it-Tribunal ser ikollu jikkunsidra l-fatti u l-provi migjuba quddiemha sabiex tiddetermina jekk ix-xogholijiet kienux saru skont is-sengha u l-arti jew le.

Is-socjeta' attrici gabet diversi impjegati taghha, fosthom Lino Apap, *general manager* mas-socjeta' attrici u Godwin Calleja, *technician* mas-socjeta' attrici. Ilkoll kkonfermaw li kien hemm diversi problemi fix-xogholijiet li kien wettaq il-konvenut u kellhom jirrimedjaw.

Lino Apap kien mar fuq il-post, wara li rcevew l-ilmenti u kien akkumpanjat minn certu Alan Magro, li kien jahdem mas-socjeta' attrici ukoll, li tieghu giet ipprezentata dikjarazzjoni fejn identifika diversi nuqqasijiet, fosthom, li l-*lagging*, ma kienx sar sew f'parti mill-pajpijiet tal-*copper*. Ma ntuzawx *brazing connections*. Il-*supply wire* gie estiz kemm-il darba *b'china connectors*. Ukoll is-*switches* ma kienux jifilhu ghas-sahha ta' l-*airconditioners*.

Dawk in-nuqqasijiet li identifika Magro, gew ikkonfermati wkoll minn Godwin Calleja, t-*technician*, kif ukoll minn Apap, il-*general manager*.

Is-socjeta' attrici tinsisti li kienu talbu lill-konvenut sabiex jaghmel ix-xogholijiet rimedjali, izda ma kienx accetta u dan peress li kien ried jithallas ghax-xoghol prestat u s-socjeta' attrici rrifjutat. Is-socjeta' attrici tinsisti li kienet inkarigat lill-impjegati taghha sabiex taghmel ix-xogholijiet u konsegwentement qedgha titlob il-hlas ta' dawn id-danni.

Anke jekk il-konvenut isemmi li kellu jahdem b'certu mod, ghaliex accenna ghal fatt li kien halla l-pajpijiet tad-drenagg qosra fuq talba ta' rapprezentant tas-sid tal-proprjeta', kien uza *china connectors* ghaliex kien hemm hafna tul u kellu bzonn igannad, dan ma jbiddilx il-provi tal-atturi li jidhru konvincenti. Dan ukoll ghalkemm il-konvenut jghid li kien hemm partijiet fejn ma kienx hemm *lagging* u l-*cables* li kellu juza' kienu minhabba l-qawwa tal-*airconditioners*.

Il-konvenut jirrikonoxxi li kien hemm problemi li identifikat is-socjeta' attrici, minkejja li ghalih m'humiex nuqqasijiet li jindikaw li x-xogholijiet ma kienux skont s-sengha u l-arti.

Is-sid tal-proprjeta' oggezzjona ghal xogholijiet, is-socjeta' attrici tramite t-*techinicians* tieghu gharrfu il-problemi u riedu jirrimedjaw bil-kooperazzjoni tal-konvenut. L-unika raguni ghaliex irrifjuta kien ghaliex ried jithallas. Din mhix gustifikazzjoni ghaliex jekk gharaf li kien hemm xi problemi, kien jehtieg li jigu rimedjati minghajr problemi u minghajr pregudizzju ghas-socjeta' attrici li fuq kollox kellha ftehim tas-*subcontracting* mal-konvenut u f'kwalsiasi mument assumiet responsabbilita' ghal dawn ix-xogholijiet.

Dwar il-*quantum* tad-danni, is-socjeta' attrici qed titlob risarciment ta' elf mija u erbatax-il ewro u sitta u hamsin centezmu (€1,114.56), pero' ma gewx pprezentati rcevuti jew dokumenti sabiex jikkonfermaw dan il-*quantum*.

Il-konvenut qed jikkontesta dan l-ammont ta’ danni, u dana peress li l-oneru tal-prova kien fuq is-socjeta’ attrici li tikkonvinci lil dan it-Tribunal, li dawn kienu d-danni.

Il-konvenut ighid li dan l-ammont kien aktar mill-ispejjes li ghamel u f’dan is-sens is-socjeta’ attrici ma kienitx konvincenti, izda ma tantx rendikont ta’ l-ispejjes li ghamel.

It-Tribunal jikkunsidra l-verzjoni tas-socjeta’ attrici bhala dik l-aktar verosimili, hlief meta giet biex tikkwantifika d-danni, u minhabba nuqqas ta’ provi u ai finijiet ta’ ekwita’ tirriduci t-talba ghal tmien mitt ewro (€800) liema somma, tirraprezenta fil-fehma taghha figura ekwa ghax wara kollox m’hemmx dubbju li bhala rizultat tal-agir tal-konvenut is-socjeta attrici certament sofriet danni ta’ certa entita’. Il-konvenut ghalhekk qed jigi kkundannat ihallas din is-somma lill-atturi. L-ispejjes jigu sopportati bejn il-partijiet skont ir-rebh u telf. Bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------